

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 13.11.2008
KUMM(2008) 782 finali

GREEN PAPER

**LEJN NETWERK EWROPEW TA' ENERĠIJA SIKURA, SOSTENIBBLI U
KOMPETITTIVA**

{SEC(2008)2869}

GREEN PAPER

LEJN NETWORK EWROPEW TA' ENERĠIJA SIKURA, SOSTENIBBLI U KOMPETITTIVA

WERREJ

1.	Daħla	3
2.	Il-prijoritajiet tal-ġejjieni għall-iżvilupp ta' netwerk Ewropew	4
2.1.	Fokus ġdid għall-politika dwar in-Netwerks tal-enerġija tal-UE.....	4
2.2.	Appoġġ tal-UE għall-iżvilupp tan-netwerk tal-enerġija	4
2.3.	L-ostakli Amministrattivi u Regolatorji għall-proġetti ta' netwerk ta' enerġija.....	5
2.3.1.	Il-proċeduri ta' ppjanar u awtorizzazzjoni.....	5
2.3.2.	Il-qafas regolatorju	6
2.4.	Nersqu lejn netwerk tal-enerġija Ewropew flessibli u integrat bis-sħiħ	6
2.5.	L-identifikazzjoni ta' prijoritajiet ġodda	7
3.	Approċċ ġdid tal-UE għall-iżvilupp tan-netwerk tal-enerġija	7
3.1.	L-għanijiet u l-oġettivi dwar il-politika tal-enerġija tal-UE.....	7
3.1.1.	Il-promozzjoni tal-fehim u solidarjetà mill-pubbliku	7
3.1.2.	L-ilħiq tal-miri "20-20-20" sal-2020	8
3.1.3.	L-innovazzjoni u t-teknoloġiji ġodda.....	9
3.1.4.	Netwerks internazzjonali tal-enerġija	9
3.2.	Netwerk Ewropew ta' enerġija interkonness b'mod sħiħ	10
3.2.1.	Suq intern tal-enerġija effettiv	10
3.2.2.	Id-dimensjoni interreġjonali.....	10
3.2.3.	Approċċ ġdid għall-ippjanar	11
3.3.	It-TEN-E għas-servizz tas-sigurtà u s-solidarjetà	11
3.3.1.	Il-linji gwida riveduti tat-TEN-E	11
3.3.2.	Alternattivi oħra għat-titjib tat-TEN-E.....	13
3.3.3.	Il-koordinazzjoni bejn it-TEN-E u strumenti finanzjarji oħra tal-UE.....	13
4.	Konklużjonijiet.....	14

Mistoqsijiet

1. DAĦLA

In-netwerks Ewropej tal-enerġija huma l-arterji li lkoll niddependu fuqhom biex iwassluna l-fjuwil meħtieġ għall-enerġija fi djarna, in-negozji u l-postijiet ta' divertiment. Il-politika tal-enerġija tal-UE¹ tistabbilixxi għanijiet u objettivi ċari² għal enerġija sostenibbli, kompetittiva u sikura. Il-pakkett ta' Jannar 2008³ dwar l-enerġija li tiġġedded u l-bidla fil-klima se jimpenja lill-Istati Membri biex jilhqqu miri ambizzjużi fir-rigward ta' enerġija li tiġġedded u ta' tnaqqis fl-emissjonijiet. Madankollu, l-UE mhijiex se tilħaq dawn l-ambizzjonijiet sakemm ma ssirx bidla konsiderevoli u malajr fin-netwerks tal-enerġija tagħha.

Illum, in-netwerks Ewropej tal-enerġija – fi kliem ieħor, l-infrastruttura biex jiġu ttrasportati l-elettriku, il-gass, iż-żejt, u fjuwils oħra mill-produtturi għall-konsumaturi – qed jeqdiemu. Huma msejsin fuq il-provvisti ta' fjuwils fossili tradizzjonali, bi produzzjoni ċentralizzata, u b'enerġija rħisa u abbondanti. In-nuqqas ta' konnessjonijiet xierqa bejn in-netwerks huwa ostaklu għall-investiment f'enerġija li tiġġedded u f'ġenerazzjoni deċentralizzata. L-UE imkabbra wirtet konnessjonijiet batuti bejn il-Lvant u l-Punent u bejn in-Nofsinhar u t-Tramuntana. Dan ikompli jxekkel il-moviment liberu tal-enerġija madwar l-UE u jagħmel ċerti reġjuni aktar vulnerabbli għal provvista diżordinata. Bl-importazzjonijiet tal-enerġija mistennija jiżdiedu fiż-xenarji kollha, hemm bżonn urġenti ta' rotot ġodda ta' importazzjoni biex l-UE tingħata aktar flessibbiltà fil-provvisti tagħha.

Fis-16 ta' Ottubru 2008, fid-dawl tat-tħassib mifruq dwar il-kapaċità tan-netwerks Ewropej li jwasslu l-enerġija li ċ-ċittadini Ewropej tant jeħtieġu, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni biex "issaħħaħ u tlesti l-infrastrutturi kruċjali"⁴.

L-avvenimenti riċenti f'Ġeorġja wrew ukoll li dan hu żmien kritiku għas-sigurtà tal-enerġija u li l-UE teħtieġ li tintensifika l-isforzi tagħha rigward is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

Wieħed kien dejjem jassumi li n-netwerks tal-enerġija se jiffinanzjaw lilhom infushom. Sabiex dan jinkiseb hemm bżonn ta' qafas legali ċar u stabbli li hu l-prerekwiżit ewlieni biex jiġi stimulat l-investiment fis-settur privat tal-ġenerazzjoni u t-trażmissjoni/trasport. Il-ħolqien ta' dan il-qafas huwa wieħed mill-għanijiet piniċipali kemm tal-pakkett tal-enerġija u l-klima kif ukoll tat-tielet pakkett tas-suq intern tal-enerġija⁵ dwar it-tweġiq tas-suq intern tal-gass u l-elettriku.

It-tielet pakkett tas-suq intern tal-enerġija, ladarba jiġi implimentat, se jintroduċi bidliet sinifikanti fl-ippjanar tan-netwerk, fosthom regoli dwar diżassoċjazzjoni, koordinazzjoni regolatorja u netwerks ġodda kollaborattivi li jiġbru flimkien l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjonijiet. Dawn għadhom jistimulaw l-investimenti, is-sinerġiji, l-effiċjenza u l-innovazzjoni fin-netwerks tal-enerġija.

¹ Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa, **COM(2007)1 finali**

² 20% tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, sehem ta' 20% tal-enerġija li tiġġedded fil-konsum tal-enerġija finali fl-UE u 20% titjib fl-effiċjenza tal-enerġija sal-2020
http://ec.europa.eu/energy/climate_actions/index_en.htm.

⁴ http://www.consilium.europa.eu/cms3_applications/Applications/newsRoom/related.asp?BID=76&GRP=14127&LANG=1&cmsId=339

⁵ http://ec.europa.eu/energy/electricity/package_2007/index_en.htm

Madankollu, fid-dawl tal-isfidi għas-sigurtà tal-provvista u tad-daqs tal-investimenti meħtieġ min-netwerks Ewropej tal-enerġija ⁶, l-UE għandha bżonn issaħħaħ il-politika tagħha dwar l-iżvilupp tan-netwerk tal-enerġija. Hi għandha tkun kapaċi li tintervjeni jew tagħmilha ta' medjatur fejn partijiet pubbliċi u privati mhumiex kapaċi li jimxu 'l quddiem dwar proġetti ewlenin b'impatt Ewropew. Hi għandha wkoll tirrevedi l-qafas ta' finanzjament tagħha, partikolarment in-Netwerks Trans-Ewropej għall-Enerġija (TEN-E) sabiex tersaq aktar lejn l-għanijiet politiċi. Għandhom jiġu indirizzati wkoll id-diffikultajiet fl-ippjanar u fl-awtorizzazzjoni.

Din il-Green Paper qed tfittex fehmiet dwar kif l-UE tista' tippromovi aħjar in-netwerks tal-enerġija ġodda li l-Ewropa teħtieġ, billi tuża l-istrumenti kollha disponibbli għaliha, notevolment it-TEN-E iżda mhux biss. Hi tissuġġerixxi wkoll għadd ta' proġetti strateġiċi ewlenin li l-UE tista' tippromovi biex issaħħaħ is-solidarjetà u s-sigurtà tal-provvista f'network ta' enerġija verament Ewropew.

2. IL-PRIJORITAJIET TAL-ĠEJJIENI GĦALL-IŻVILUPP TA' NETWORK EWROPEW

2.1. Fokus ġdid għall-politika dwar in-Netwerks tal-enerġija tal-UE

L-iżvilupp tan-netwerk huwa element importanti fil-politika tal-enerġija. L-enfażi tal-politika tan-netwerk tal-UE kienet li "timla l-vojt" fin-netwerks jew titratta ma' "konġestjonijiet", għal raġunijiet ta' sigurtà interna tal-provvista. Dan huwa importanti, imma mhux biżżejjed biex jiġu ttrattati l-isfidi tas-sigurtà globali tal-provvista, biex jittieħdu l-benefiċċji mit-teknoloġiji ġodda, biex jiġu ddiversifikati s-sorsi ta' enerġija u biex jiżguraw solidarjetà f'każ ta' kriżi ta' enerġija. Il-politika tan-netwerk tal-UE teħtieġ li tkun kompletament konformi mal-politika tal-enerġija tal-UE.

Kif muri f'rapporti personali mill-Koordinaturi Ewropej maħtura mill-UE⁷, l-UE teħtieġ rwol aktar proattiv fil-promozzjoni tal-proġetti strateġiċi. It-TEN-E jeħtieġu li jiġu aġġornati u jaħdmu b'mod aktar effettiv għas-servizz tal-politika l-ġdida tal-enerġija u l-għanijiet tagħha ta' sostenibilità, sigurtà ta' provvista u kompetittività.

In-netwerks tal-enerġija huma importanti wkoll għar-relazzjonijiet esterni tal-UE. Is-suq intern tal-enerġija tal-UE ma jaħdimx mingħajr in-netwerks ta' importazzjoni tal-enerġija. Bosta inizjattivi internazzjonali, bħall-Isħubija strateġika bejn l-UE u l-Afrika, ikopru wkoll l-investimenti għan-netwerk tal-enerġija.

2.2. Appoġġ tal-UE għall-iżvilupp tan-netwerk tal-enerġija

It-Trattat tal-KE jistipula li l-Komunità għandha tagħti l-kontribut tagħha sabiex jiġu stabbiliti u żviluppati netwerks trans-Ewropej u li l-azzjoni mill-Komunità għandha tfittex li tiffaċilita l-interkonnessjoni u l-interoperabilità ta' netwerks nazzjonali kif ukoll l-aċċess għal dawg in-netwerks" (Artikolu 154) In-Netwerks Trans-Ewropej għall-Enerġija (TEN-E) huma l-istrument politiku ewleni għall-appoġġ tal-UE għall-iżvilupp tan-netwerk tal-enerġija. It-TEN oriġinarjament kienu strument tas-suq intern. Fis-settur tal-enerġija, l-ipoteżi kienet li l-

⁶ €17-il biljun f'netwerks tal-elettriku fil-5 snin li ġejjin skont rapport maħruġ mill-UCTE (Mejju 2008 Pjan ta' Żvilupp għat-Trażmissjoni) u xi ċifra viċin €300 biljun għan-netwerks tal-elettriku u tal-gass fil-25 sena li ġejjin.

⁷ Maħtura f'Settembru 2007 għal erba' proġetti partikolarment kumplessi: L-Interkonnettur bejn Spanja u Franza (Prof Monti, il-Kollegament ta' Enerġija bejn il-Polonja u l-Litwanja (Prof Mielczarski), in-netwerk tar-riħ offshore fl-Ibħra tat-Tramuntana u dawg Baltiċi (is-Sur Adamowitsch), il-kuritur trasitu tal-Gass min-Nofsinar (is-Sur Van Aartsen). Their reports are available on http://ec.europa.eu/ten/energy/coordinators/index_en.htm

investimenti se jkunu responsabbiltà tal-parteċipanti fis-suq li jgħaddu l-ispejjeż lill-konsumaturi.

L-ewwel linji gwida tat-TEN-E ġew adottati fl-1996 u kellhom reviżjonijiet suċċessivi, li fosthom l-iktar wieħed riċenti kien fl-2006. Skont il-linji gwida tat-TEN-E⁸ u r-Regolament TEN⁹, il-biċċa l-kbira tal-fondi tal-UE jmorru għal studji dwar vijabbiltà li jsiru qabel l-investment, ta' proġetti mniżżlin fl-ista speċifika, identifikati mill-Istati Membri. Rapport għall-perjodu bejn l-2002 u l-2006 qed jakkompanja din il-ktiba¹⁰. Huwa ċar li l-impatt u l-viżibilità tat-TEN-E jeħtieġ li jitjiebu.

Dan ifisser li t-TEN-E jiġu komformi mal-obiettivi tal-UE dwar l-enerġija kif definiti fil-Politika tal-Enerġija għall-Ewropa tal-2007. Biex il-programm isir aktar effettiv jeħtieġ ukoll li jsiru tibdiliet kbar fil-linji gwida. Il-kwistjoni tal-baġit hija kruċjali. Għadd ta' kwistjonijiet rigward ir-reviżjonijiet possibli tat-TEN-E huma stipulati aktar 'l isfel.

L-UE għandha bżonn ittejjeb ukoll il-koerenza bejn l-azzjonijiet differenti li jittieħdu fl-ambitu tan-netwerks u ssaħħa id-diversi possibilitajiet ta' finanzjament għall-investimenti fl-infrastruttura, fosthom it-TEN-E, il-Fondi Strutturali u l-BEI.

2.3. L-ostakli Amministrattivi u Regulatorji għall-proġetti ta' netwerk ta' enerġija

2.3.1. Il-proċeduri ta' ppjanar u awtorizzazzjoni

Il-proċeduri ta' ppjanar u ta' awtorizzazzjoni amministrattiva huma sors komuni ta' dewmien għall-proġetti tal-enerġija minħabba d-differenzi bejn ir-regoli lokali u nazzjonalital-ippjanar. L-approvazzjonijiet u l-permessi għal proġetti kbar infrastrutturali x'aktarx li jibbenifikaw minn strateġija aktar armonizzata. Madankollu, l-UE ma għandha l-ebda kompetenza fl-ippjanar tal-użu tal-art.

Diffikultà oħra hija r-reazzjoni (NIMBY) " mhux daqshekk qrib", fejn l-interess Ewropew mhux qed jinqasam fil-livell lokali. Soluzzjoni waħda hija li l-kejbils jitgħaddew minn taħt l-art, iżda n-nefqa hija ta' ostaklu biex dan iseħħ.

In-nuqqas ta' informazzjoni u koordinazzjoni ħażina jwasslu wkoll għal resistenza lokali għal proġetti utli.

Strateġija speċjali għal proġett speċjali : L-UE taħtar Koordinatur Ewropew għall-proġett ta' interkonnessioni tal-elettriku bejn Franza u Spanja

Imgħarrfa bir-rittmu baxx tal-progress tal-pjanijiet biex jiżdiedu l-konnessjonijiet bejn isistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku ta' Franza u ta' Spanja, f'Settembru 2007 l-UE ħatret koordinatur speċjali biex jiffaċilita l-kwistjonijiet bejn il-partijiet interessati. Dan il-proġett huwa interkonnessioni ta' prijorità għall-Istati Membri kkonċernati u għall-UE b'mod ġenerali. Il-koordinatur irnexxielu jinnegozja soluzzjoni b'kompromess aċċettat miż-żewġ naħat, u approvat mill-kapijiet ta' gvern/stat ta' Spanja u Franza. Dan il-każ juri li l-UE tista' tgħin biex tippromovi progress lejn netwerk Ewropew billi tippermetti lill-partijiet interessati jsibu soluzzjoni b'kompromess li tikkonsidra t-talbiet tal-popolazzjoni lokali, kif ukoll li

⁸ **Id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006** li tistabbilixxi linji gwida għal networks tal-enerġija trans-Ewropej u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 96/391/KE u d-Deċiżjoni Nru 1229/2003/KE, ĠU L 262, 22.09.2006

⁹ **Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Ġunju 2007** li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija, ĠU L 162/1, 22.06.2007

¹⁰ **Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Programm tan-Netwerks tal-Enerġija Trans-Ewropej għall-perjodu bejn l-2002 u l-2006, COM (2008) 743**

tissodisfa s-sigurtà tal-provvista u l-kunsiderazzjonijiet ambjentali, u bi spiża li tkun tista' tiffallas mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni.

2.3.2. Il-qafas regolatorju

L-Aġenzija prevista għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), flimkien maż-żewġ Networks Ewropej tal-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (ENTSO's), kif stabbiliti mit-tielet pakkett tas-suq intern tal-enerġija, se jgħinu jiżguraw koordinazzjoni u trasparenza akbar fl-ippjanar, l-operazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni tan-netwerk (ara hawn isfel).

Madankollu, fil-każ ta' proġetti transkonfinali jew reġjonali, partikolarment dawk li jgħaqqdu f'daqqa għadd ta' sistemi differenti ta' enerġija, titfaċċa problema speċifika.

Proġetti ta' prijorità għall-prijoritajiet tal-enerġija: l-iżvilupp ta' netwerk ta' enerġija mir-riħ offshore ('il barra mill-kosta)

L-UE ħatret ukoll koordinatur Ewropew biex jamministra l-progress dwar l-iżvilupp tal-konnessjonijiet mas-sistemi ta' distribuzzjoni bejn it-turbini tar-riħ fil-Baħar tat-Tramuntana u dak Baltiku u s-sistema ta' distribuzzjoni ewlenija li hemm fuq l-art. Minkejja dan, l-enerġija mir-riħ rikjesta mill-konsumaturi ma tistax titwassal mingħajr networks ġodda. Hemm f'tit ippjanar strateġiku fost l-Istati Membri u nuqqas ta' djalogu mal-pubbliku. L-esperjenza tal-koordinatur uriet li l-iżvilupp tan-netwerk offshore sabiex it-turbini tar-riħ (*windfarms*) jiġu konnessi mas-sistema ta' distribuzzjoni ta' fuq l-art għandu jippermetti wkoll in-negożju u jgħin biex jinstab bilanċ. Iżda dan jista' jsir biss jekk jiġu involuti l-Istati Membri kkonċernati, it-TSO's u l-awtoritajiet regolatorji u l-partijiet involuti l-oħra fosthom l-NGO's. F'Lulju 2008, il-koordinatur nieda grupp ta' ħidma li għaqqadhom kollha flimkien bil-mira li jmexxi l-proċess li hu verament multinazzjonali.

2.4. Nersqu lejn netwerk tal-enerġija Ewropew flessibli u integrat bis-sħiħ

L-ewwel għan tan-netwerk hu li jgħaqqad l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk jippermettilhom li jibbenefikaw kompletament mis-suq tal-enerġija interna. Dan hu partikolarment il-każ minn meta saru ż-żewġ tkabbiriet riċenti, fejn l-Istati Membri l-ġodda jidhru li mhumiex konnessi jew mhux konnessi biżżejjed bejniethom u bejn l-Istati Membri l-qodma.

Jitnaqqas id-distakk bejn in-networks: il-konnessjoni enerġetika bejn il-Polonja u l-Litwanja

Il-ħolqien ta' strutturi komuni bejn it-TSO's u l-amministrazzjonijiet għen biex jiġu solvuti diffikultajiet tal-proġett tal-Konnessjoni Enerġetika ddisinjat biex jgħaqqad flimkien is-sistemi ta' trażmissjoni tal-enerġija fil-Polonja u l-Litwanja. F'dan il-każ il-Koordinatur Ewropew għen lit-TSO's ikkonċernati biex jistabbilixxu impriża konġunta, il-LITPOL, biex tlesti x-xogħol preparatorju għal din il-konnessjoni. Il-konnessjoni jista' jkollha benefiċċji doppji għas-sigurtà tal-provvista fir-reġjun, kemm li tnaqqas id-distakk bejn in-netwerk tattliet Stati Baltiċi u l-bqija tal-UE, kif ukoll li tiftaħ il-possibilitajiet għal esportazzjoni ta' enerġija mill-impjant nukleari ppjanat fil-Litwanja.

Ix-xogħol tal-immodernizzar tas-sistema ta' distribuzzjoni ta' enerġija biex tintegra unitajiet ta' ġenerazzjoni aktar distribwiti u teknoloġiji "smart" sabiex tippermetti ġestjoni aħjar tad-

domanda u sabiex tassorbi ammonti akbar ta' ġenerazzjoni tal-enerġija li tiġġedded, li jmur lil hinn mill-2020, għandu jsir prijorità għolja għall-UE¹¹.

Huwa essenzjali wkoll li jiġi żgurat li l-partijiet kollha tal-UE huma kapaċi li jibbenefikaw mir-riżorsi l-ġodda tal-enerġija li qed jiġu żviluppanti fl-UE, bħall-enerġija mir-riħ 'il barra mix-xatt u l-enerġija solari fotovoltajka/kkonċentrata, permezz ta' aktar konnessjonijiet interreġjonali.

Is-sigurtà tal-importazzjonijiet tirrikkjedi attenzjoni wkoll. Uħud mil-linji ta' komunikazzjoni ewlenin li jservu lill-klijenti Ewropej ma jistgħux ilaħħqu mad-domanda jew jeħtieġu manutenzjoni. Se jkunu meħtieġa wkoll rotot ġodda ta' importazzjoni, partikolarment dawk mill-Asja Ċentrali u mill-Kaspu kif ukoll mil-Lvant Nofsani u mill-Afrika.

Is-sigurtà tal-provvista: l-interess pubbliku jista' jeħtieġ intervent pubbliku meta s-suq ma jlaħħaqx

Il-koordinatur tal-UE għal-linja tal-gass tan-Nofsinhar li tinkludi l-proġett Nabucco enfażizza diffikulta fundamentali għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tan-netwerk. Ir-riskji politiċi, ta' sigurtà u r-riskji mhux relatati mal-kummerċ assoċjati ma' proġetti ġodda ta' infrastruttura huma ta' diżinċentiv kbir għall-kumpaniji kummerċjali li mhumiex lesti biex jieħdu r-riskju minn "pijunieri" f'dan l-ambitu. F'suq kompetittiv, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ikomplu bl-irwol tagħhom li joħolqu inċentivi għall-kumpaniji privati biex jinvestu fi proġetti ġodda f'oqsma ġodda.

2.5. L-identifikazzjoni ta' prijoritajiet ġodda

Il-Kunsill Ewropew bejn il-15 u s-16 ta' Ottubru 2008 ta xi orjentazzjonijiet għal prijoritajiet ta' netwerk għall-UE. Il-Kummissjoni spjegat aktar eżempji speċifiċi fit-tieni Reviżjoni Strateġika dwar l-Enerġija *An EU energy security and solidarity action plan*¹². Dawn huma spjegati fid-dettall hawn taħt (Konklużjonijiet). Madankollu, sabiex dawn il-prijoritajiet jimxu 'l quddiem jeħtieġ li jsir allinjament mill-ġdid tal-politika u l-istrumenti. Il-kwistjonijiet li jitqajmu hawn taħt jidentifikaw għadd ta' alternattivi li l-UE tista' tiżviluppa bħala parti minn politika aktar koerenti dwar netwerks tal-enerġija li hi kompletament konsistenti mal-għanijiet tagħha dwar l-enerġija u l-klima u li tgħin twassal il-proġetti ta' prijorità biex jaqdu liċ-ċittadini tal-UE.

3. APPROĊĊ ĠDID TAL-UE GĦALL-IŻVILUPP TAN-NETWERK TAL-ENERĠIJA

3.1. L-għanijiet u l-oġġettivi dwar il-politika tal-enerġija tal-UE

3.1.1. Il-promozzjoni tal-fehim u solidarjetà mill-pubbliku

Il-Kummissjoni Ewropeja u l-Istati Membri għandhom itejbu l-informazzjoni u l-komunikazzjoni għaċ-ċittadini dwar il-kwistjonijiet relatati man-netwerks tal-enerġija, inklużi l-għanijiet u l-oġġettivi tat-TEN-E, kif taħdem is-solidarjetà fil-provvista tal-enerġija, u kif

¹¹ It-teknoloġiji "intelliġenti" tas-sistemi ta' distribuzzjoni u l-kontribut tagħhom għall-miri 20-20-20 huma diskussi fir-rapport ELECTRA. http://ec.europa.eu/enterprise/electr_equipment/electra.htm. Ara wkoll *L-indirizzar tal-isfida tal-effiċjenza tal-enerġija permezz ta' Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u Komunikazzjoni* (COM(2008)241). Għall-pubblikazzjoni fil-ġejjieni: *Il-Kontribut tal-Industrija Ewropeja tal-Inġinerija Elettrika għall-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Klima tal-Komunità u għall-Aġenda għat-Tkabbir u l-Impjiegi*

¹² It-tieni Reviżjoni Strateġika dwar l-Enerġija, COM(2008)744

networks ġodda jistgħu jwasslu enerġija sostenibbli, sikura u kompetittiva. Is-setturi pubbliċi u dawk privati għandhom jipparteċipaw f'dan il-kompitu.

L-aċċess għall-informazzjoni għandu jitjieb. Jeħtieġ li jsiru diskussjonijiet regolari mal-Istati Membri u oħrajn dwar kwistjonijiet ta' investment, partikolarment dwar il-ġenerazzjoni tal-elettriku. Il-Kummissjoni se teżamina mill-ġdid il-kontribut li jista' jsir permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 736/96 dwar in-notifikar lill-Kummissjoni bi proġetti ta' investment fl-oqsma tal-pitrolju, tal-gass u tal-elettriku. L-Osservatorju tas-Suq tal-Enerġija tal-Kummissjoni jista' jżid ma' tali informazzjoni.

3.1.2. *L-ilħiq tal-miri "20-20-20" sal-2020*¹³

Il-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar l-enerġija li tiġġedded u dwar il-bidla fil-klima, li tinkludi l-miri "20-20-20", teħtieġ li tiġi riflessa fl-ippjanar u l-programmi tan-network tas-setturi pubbliċi u privati.

L-UE għandha tiżviluppa strateġija komprensiva dwar l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija li tiġġedded fis-sistema ta' distribuzzjoni, b'kooperazzjoni sħiħa mal-awtoritajiet nazzjonali u l-atturi tas-suq. Din għandha tindirizza tali kwistjonijiet bħall-allokazzjoni tan-nefqa tul il-katina tal-provvista, l-infiq b'funzjoni ta' appoġġ, it-teknoloġiji ta' trażmissjoni, il-konnessjoni bejn is-sistemi ta' distribuzzjoni lokali u dawk Ewropej u l-koerenza regulatorja. L-UE, l-Istati Membri, u l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ukoll iħeġġu u jiffaċiltaw il-produzzjoni tal-enerġija deċentralizzata, li tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u toffri opportunità importanti għall-iżvilupp reġjonali, u toħloq it-tkabbir u l-impjiegi.

L-UE teħtieġ li tippromovi proġetti li jistgħu jwasslu l-enerġija minn żoni għonja fir-riżorsi (e.g. enerġija mir-riħ f'żoni ħdejn il-kosta, u enerġija solari fil-Mediterran) għal fejn għandhom bżonnha l-konsumaturi. Fl-istess ħin, it-teknoloġiji ġodda tas-sistemi tad-distribuzzjoni għandhom jiġu promossi għal użu aktar effikaċi u flessibbli ta' sorsi ta' enerġija lokali, per eżempju l-ġenerazzjoni tal-enerġija fid-djar individwali u l-ġenerazzjoni kombinata ta' sħana u elettriku.

L-enerġija mir-riħ 'l barra mill-kosta jista' jkollha parti sinifikanti biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija li tiġġedded, kif ukoll biex jittejbu s-sigurtà tal-provvista u s-solidarjetà. Is-sistemi ta' distribuzzjoni 'l barra mill-kosta mifruxin mal-Ewropa u s-sistemi ta' distribuzzjoni ta' kopertura (overlay) transewropej huma bżonnjużi biex l-enerġija mir-riħ tiġi integrata kompletament fis-sistema ta' distribuzzjoni Ewropea. Il-Kummissjoni qed tippubblika Komunikazzjoni dwar l-enerġija mir-riħ 'il barra mill kosta¹⁴ ma' din il-Green Paper.

Il-promozzjoni tal-iżolament, tat-trasport u tal-ħażna (CCS) tas-CO₂ (CCS) għandha implikazzjonijiet għan-networks. Hemm bżonn ta' linji estensivi ta' komunikazzjoni tas-CO₂ li jgħaqqdu s-sorsi tal-emissjoni tas-CO₂ mas-siti tal-ħażna. L-UE teħtieġ li tikkonsidra liema rwol għandha twettaq fil-promozzjoni tal-investimenti neċessarji f'dan il-qasam, fosthom it-TEN-E.

B'rabta ma' dan, għandhom jitqiesu l-implikazzjonijiet tal-bidla fil-klima għan-networks tal-enerġija Ewropej, per eżempju, il-pożizzjoni tal-impjanti, il-linji tal-elettriku, u l-linji tal-komunikazzjoni.

¹³ Ara n-nota ta' qiegħ Nru 2

¹⁴ L-enerġija mir-riħ offshore, COM(2008)736

3.1.3. *L-innovazzjoni u t-teknoloġija ġodda*

Fil-programmi ta' dimostrazzjoni ta' riċerka u teknoloġija, hemm bżonn ta' aktar fokus fuq it-teknoloġija ta' networks ta' enerġija. Il-komunità tax-xjenza Ewropea għandha tiġi mħeġġa biex tikkoopera b'mod sħiħ mas-settur privat fl-iżvilupp tas-soluzzjonijiet. It-twaqqif ta' sistema ta' distribuzzjoni Ewropea flessibbli b'kapaċitajiet vasti ta' ħażna, li jinkorporaw sorsi differenti tal-produzzjoni tal-elettriku minn enerġiji li jiġġeddu u minn sorsi konvenzjonali, hija sfida teknoloġika ewlenija għas-snin li ġejjin sal-2020.

L-inizzjattiva industrijali Ewropeja dwar is-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku hija prijorità għall-pjan Strateġiku dwar it-Teknoloġija għall-Enerġija¹⁵ u se tingħata l-appoġġ mis-7 Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp. Għadd żgħir ta' proġetti RTD ta' skala kbira u proġetti ta' dimostrazzjoni, li jagħtu evidenza tal-fattibilità tat-teknoloġija "intelliġenti" tan-networks, jistgħu jagħtu l-ispinta neċessarja għall-implimentazzjoni fi żmien qasir ta' sistemi aħjar, aktar flessibbli u robusti u jantiċipaw il-bżonn ta' investiment f'infrastruttura anqas effikaċi.

Il-Pjan Strateġiku dwar it-Teknoloġija għall-Enerġija jinkludi wkoll miżuri importanti għall-iżvilupp ta' networks fil-ġejjieni, bħall-azzjoni meħuda dwar l-ippjanar tat-tranżizzjoni lejn sistemi ta' enerġija b'livell baxx ta' karbonju. Kwistjoni oħra li dwarha għandha ssir aktar riċerka hija l-impatt ta' vetturi ibridi elettriċi u plug-in fuq in-networks elettroniċi.

L-UE trid timmira għat-tixrid tal-esperjenza vitali mal-UE kollha. Għandhu jsir użu aktar effiċjenti tal-istrumenti tal-UE, fosthom il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni tal-UE u l-Programmi Kwadru RTD, iżda wkoll il-Programm dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni (Enerġija Intelliġenti għall-Ewropa) u l-Alleanza għar-Riċerka fl-Enerġija¹⁶ biex jiġu mħeġġa u żviluppjati teknoloġiji ġodda għall-enerġija u soluzzjonijiet innovattivi. Barra minn hekk, fl-2009, l-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) se jniedi l-ewwel sejħa tiegħu għall-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni (KICs) li notevolment jikkonċerna l-bdil fil-klima u l-enerġija sostenibbli. Hemm bżonn ukoll li tiġi intensifikata l-kollaborazzjoni mal-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandards (ESO's), peress li dawn jipproduċu l-istandards neċessarji għad-dħul fis-suq ta' teknoloġiji ġodda.

3.1.4. *Networks internazzjonali tal-enerġija*

In-networks internazzjonali tal-enerġija li jaqdu s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija għall-UE neċessarjament jinvolvu l-ftehim ta' gvernijiet ta' pajjiżi terzi. Huwa importanti li l-kwadru ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-UE jħeġġeġ l-iżvilupp ta' tali proġetti, partikolarment billi jipprovdi kwadru politiku għal tul ta' żmien għall-impennji ta' kumpaniji privati involuti fl-investimenti, u għall-garanziji possibbli minn banek Ewropej bħall-BEI, l-EBRD.

Gruppi tal-UE eżistenti, bħan-Netzwerk ta' Korrispondenti tas-Sigurtà tal-Enerġija, il-Grupp ta' Koordinament għal-Gass u l-Grupp ta' Forniment taż-Żejt, jistgħu jiġu sfruttati biex jiġu diskussi proposti għal proġetti dwar enerġija internazzjonali fi stadju bikri. Dan għandu jgħin biex timbena solidarjetà fost l-Istati Membri u jiġu evitati s-suxxettibbiltajiet politiċi.

Id-deċizzjonijiet finali dwar l-importazzjoni tal-linji ta' komunikazzjoni huma kwistjoni kummerċjali li għandhom jittieħdu flimkien mal-pajjiżi kkonċernati. Għal xi proġetti, jista' jkun xieraq li tiġi pprovduta garanzija politika lil pajjiżi terzi li l-UE tinsab lesta li tidħol f'relazzjoni għal tul ta' żmien għall-qasam tal-enerġija. Jista' jsir ukoll enfasi speċjali dwar l-

¹⁵ Il-Pjan Strateġiku dwar it-Teknoloġija għall-Enerġija, COM(2007)0723 approvat mill-Kunsill u mill-Parlament

¹⁶ Ara l-Pjan Strateġiku dwar it-Teknoloġija tal-Enerġija

appoġġ għal proġetti ta' investiment meta l-investitur privat jidhirli li r-riskji mhux relatati mal-kummerċ huma għoljin wisq.

L-UE għandha tkompli taħdem biex tnaqqas id-differenzi fl-oqfsa regolatorji f'pajjiżi terzi u tikkonsidra kif se tkun involuta fi żmien bikri biżżejjed fit-tfassil ta' ftehimiet internazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' proġetti strateġiċi biex tiżgura li huma kompatibbli mal-*acquis* tal-UE.

Tħassib tali għandu jitqies ukoll fl-istrumenti esterni tal-UE. Ftehimiet internazzjonali jistgħu jintużaw biex iħejju t-triq għal interkonnessjonijiet tal-enerġija mas-suq tal-UE, u biex jagħtu informazzjoni bikrija dwar l-iżvilupp tas-suq u tal-politika. Ftehimiet dwar kummerċ internazzjonali jistgħu jintużaw ukoll biex jiġu offruti kundizzjonijiet ċari ta' aċċess għas-suq tal-UE, u *vice versa*, u fi proċeduri biex jinstabu soluzzjonijiet għal argumenti.

Qafas ekonomiku u legali mtejjeb għar-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi fornituri u oħrajn ta' tranżitu għandu jgħin biex jiġu promossi kondizzjonijiet ta' investiment aktar stabbli u prevedibbli għal-investimenti privati fl-infrastruttura tal-enerġija.

3.2. Network Ewropew ta' enerġija interkonness b'mod sħiħ

3.2.1. Suq intern tal-enerġija effettiv

It-tielet pakkett tas-suq intern tal-enerġija, meta jiġi implimentat, se jsaħħaħ il-kooperazzjoni fost l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni (TSO's) u fost regolaturi tal-enerġija, sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw l-interkonnessjonijiet meħtieġa abbażi ta' pjan ta' investiment fuq 10 snin, trasparenti u koerenti. Diġà kien irregiżtrat xi progress fis-settur tal-enerġija. Għall-gass, il-pjanijiet hemm bżonn li jiċċaqalqu b'rittmu aktar mgħaġġel.

L-ENTSO's u l-ACER jistgħu jwessgħu l-kooperazzjoni tagħhom lil hinn minn tisħiħ tal-kompetizzjoni, minn kif qed isir preżentament, għal materji oħra, inklużi l-provvista tas-sigurtà, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-kisba tal-miri 20-20-20.

Il-kooperazzjoni bejn l-ENTSO's u l-ACER għandha tgħin biex tiżgura l-aħjar użu tan-netwerks eżistenti, *e.g.* it-tnaqqis ta' telf fil-linji tal-elettriku u biex tistimula tendenzi tad-domanda aktar effiċjenti. Għandha tinkoraġġixxi approċċ aktar flessibbli għat-tariffi ta' infrastruttura tas-sistema ta' distribuzzjoni ġdida (*e.g.* sistemi ta' distribuzzjoni ta' riħ offshore jew oħrajn "smart") Għandha tgħin ukoll biex tinstab soluzzjoni għal ostakli oħra għall-investiment, bħall-qliegħ xieraq fuq l-investimenti għal TSO's nazzjonali.

L-ippjanar ikkoordinat għandu jqis l-implikazzjonijiet marbuta mal-integrazzjoni ta' sistemi ta' distribuzzjoni "smart" lokali, u l-effett tagħhom fuq ir-responsabbiltajiet rispettivi tat-TSO's (vultaġġ għoli) u l-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (vultaġġ baxx).

3.2.2. Id-dimensjoni interreġjonali

Fi ħdan is-suq intern tal-UE, in-netwerks (transkonfinali u f'aktar minn pajjiż wieħed) reġjonali huma importanti għas-sigurtà tal-provvista u s-solidarjetà u huma l-ewwel tarġa lejn suq intern tal-enerġija interkonness b'mod sħiħ.

L-unifikazzjoni tan-netwerks – is-settur tal-gass

Il-proġett tas-Sistema l-Ġdida ta' Trażmissjoni Ewropea (NETS), rakkommandat minn bosta TSO's, huwa inizjattiva promettenti ħafna għall-integrazzjoni tal-operaturi tat-trażmissjoni tal-gass mill-Ewropa Ċentrali u l-Ewropa tax-Xlokk. Dan għandu l-possibiltà li joħloq il-qafas għal suq reġjonali tal-gass. Suq tali jkun ta' daqs kbir biżżejjed biex jattira investimenti ġodda, li mhux il-każ għas-swieq nazzjonali individwali, u jista' jnaqqas b'mod sinifikanti l-ispejjeż għall-operazzjoni u l-investiment.

Inizjattiva oħra li tħares 'il quddiem u li tista' wkoll ittejjeb l-integrazzjoni tal-assi u l-ġestjoni tan-netwerks hija l-kunċett ta' Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni Ewropea, promoss minn xi wħud mill-operaturi tal-gass ewlenin. L-għan hu biex b'mod progressiv timbena kumpanija indipendenti li tamministra netwerk unifikat tat-trasport tal-gass mal-UE kollha. L-unifikazzjoni progressiva ta' netwerks, sakemm tkun organizzata b'mod komformi mal-liġi tal-kompetizzjoni, għandha żżid l-inċentivi għall-kumpaniji tal-gass biex jinvestu fi proġetti ġodda ta' netwerks.

Inizjattivi speċifiċi huma meħtieġa biex jiġu interkonnessi żoni aktar iżolati tal-UE jew biex jiġu inkorporati forom ġodda ta' enerġija ġewwa n-netwerks. Oqsma li jistgħu jingħataw prijorità politika huma: ir-reġjun tal-Baħar Baltiku, il-Mediterran, u l-Ewropa tax-Xlokk.

3.2.3. *Approċċ ġdid għall-ippjanar*

Il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni biex "tippreżenta proposti mmirati biex jirrazzjonalizzaw proċeduri ta' approvazzjoni" għal proġetti tan-netwerks¹⁷. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, il-proġetti Ewropej bi prijorità jistgħu jiġu inklużi fil-pjanijiet strateġiċi nazzjonali, kif ukoll jitqiesu bħala prijoritajiet fil-ġejjieni ta' regolaturi u TSO's. B'hekk l-Istati Membri jkollhom bżonn jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-iskedi miftiehma jiġu rispettati. Din tista' ssir kondizzjoni ta' appoġġ tat-TEN-E.

Aktar proċeduri u kriterji uniformi għandhom jgħinu biex jitlestew proġetti strateġiċi transkonfinali, fosthom l-iskedi indikattivi. Fin-nuqqas ta' kompetenza speċifika tal-UE, ikun meħtieġ li jiġi ddeliberat mod kif l-UE tista' tgħin tissimplifika l-proċeduri tal-ippjanar f'każ ta' proġetti transkonfinali tal-enerġija ewlenin.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippromwovi skambju ta' informazzjoni u tal-aqwa prassi fost l-Istati Membri dwar dawn il-kwistjonijiet. Għadd ta' Stati Membri qed jirrevedu jew bidlu r-regolamenti ta' ppjanar tagħhom biex iħaffu r-ritmu ta' proġetti ta' infrastruttura importanti.

Ir-regoli ambjentali tal-UE għandhom jiġu interpretati u applikati korrettament, fid-dawl tal-linji gwida maħruġa mill-Kummissjoni. Il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u l-ksib tal-għanijiet tal-politika tal-enerġija jistgħu u għandhom ikunu ta' appoġġ lil xulxin.

Abbażi tal-esperjenza tal-koordinaturi tal-UE¹⁸ hemm bżonn li jkun hemm alternattiva, fost ir-regoli eżistenti, għal appell li jsir lill-awtoritajiet pubbliċi meta proġett tal-UE rilevanti jiltaqa' ma' dewmien fl-ippjanar. Jekk ma tinstabx soluzzjoni nazzjonali, il-Kummissjoni tista' tagħmel analiżi, jew taħtar medjatur.

3.3. *It-TEN-E għas-servizz tas-sigurtà u s-solidarjetà*

3.3.1. *Il-linji gwida riveduti tat-TEN-E*

In-Netwerk Trans-Ewropew tal-Enerġija-TEN-E jeħtieġu li jkunu aktar effettivi bħala strument li jiffaċilita proġetti importanti tal-UE li huma ta' servizz għal għanijiet tas-sigurtà tal-provvista, ta' kompetizzjoni, tal-ambjent jew ta' solidarjetà.

Skont ir-reazzjoni għal din il-Green Paper, il-Kummissjoni tixtieq tirrevedi l-linjigwidi tat-TEN-E b'dawn il-modi li ġejjin:

¹⁷ Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew, 8-9 ta' Marzu^o2007

¹⁸ Ara l-paġnaweb tad-DG TREN: http://ec.europa.eu/ten/energy/coordinators/index_en.htm

1) **L-objettivi** tat-TEN-E għandhom jiġu orjentati skont il-politika Ewropea dwar l-enerġija (l-objettivi 20-20-20, u l-għanijiet relatati magħhom ta' sigurtà tal-provvista u ta' solidarjetà, ta' sostenibbiltà u ta' kompetittività).

2) **L-ambitu** tat-TEN-E għandu jkun in-netwerk kollu tat-trasportazzjoni tal-enerġija. In-netwerks tat-trażmissjoni tal-gass, inklużi t-terminali ta' Gass Naturali Llikwifikat (*LNG terminals*) u l-ħżin taħt l-art, u dawk tal-elettriku għandhom jibqgħu fuq quddiemnett tal-programm. Madankollu, wieħed għandhu jikkunsidra serjament biex jiġi estiż l-ambitu tal-linji ta' komunikazzjoni taż-żejt. Volumi dejjem akbar ta' trasport marittimu taż-żejt jippreżentaw riskji serji għas-sigurtà tal-provvista u s-sigurtà marittima. Ktiba ta' ħidma tal-Istaff tal-Kummissjoni dwar l-infrastrutturi taż-żejt¹⁹ qed takkumpanja din il-Green Paper.

L-ambitu tat-TEN-E jista' jiġi estiż għall-infrastrutturi tat-trasportazzjoni assoċjati ma' teknoloġiji ġodda, billi wieħed jibda mid-dijossidu tal-karbonju għall-proġetti tas-CCS. Alternattivi oħra jistgħu jinkludu li jiġu adattati netwerks għal biogass għall-ġenerazzjoni kombinata ta' sħana u elettriku jew għall-applikazzjonijiet għal vetturi li jaħdmu bil-gass naturali kkompressat.

Il-programm jeħtieġ li jkun aktar flessibbli fid-dawl tal-iżvilupp tas-sistemi ta' distribuzzjoni li jaffetwaw kemm in-netwerks tat-trażmissjoni kif ukoll dawk tad-distribuzzjoni, inklużi s-sistemi ta' distribuzzjoni "smart".

3) **L-ippjanar** tat-TEN-E għandu jkun orjentat lejn is-suq, b'ambitu ċar ta' responsabbiltà għall-ENTCO's u għall-ACER. L-UE għandu jkollha rwol attiv ta' wieħed li jiffaċilita u ta' medjatur.

4) Fil-Pjan Prijoritarju ta' Interkonnessjoni²⁰ tagħha l-Kummissjoni pproponiet biex jonqsu l-punti fokali tat-TEN-E biex tingħata attenzjoni fuq għadd limitat ta' proġetti strateġiċi. Għal din ir-raġuni, **l-għadd ta' proġetti ta' prijorità** għandu jkun żgħir, u jinvolvi proġetti transkonfinali, proġetti li jikkonnettjaw Stati Membri iżolati mas-sistema ta' distribuzzjoni Ewropea jew dawk li jservu lil ħafna Stati Membri (fil-prattika, issir amalgamazzjoni ta' bosta proġetti individwali). Il-ħames oqsma ta' prijorità identifikati fil-konklużjonijiet hawn isfel huma eżempji ta' proġetti ta' prijorità li TEN-E aġġornata tkun tiflaħ tappoġġja.

Il-proġetti tat-TEN-E għandhom wkoll jiġu inkorporati fi pjanijiet ta' infrastruttura nazzjonali u, fejn rilevanti, fil-prijoritajiet tal-Bank Ewropew ta' l-Investment jew tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp. L-Istati Membri li jibbenefikaw jistgħu jkunu mistennija li jagħtu l-kontribut tagħhom.

5) **Il-miżuri ta' akkumpanjament** għandhom jiġu mfassla biex ixerrdu l-informazzjoni u jiskambjaw Prattika tajba fost il-proġetti u l-Istati Membri.

6) F'każijiet eċċezzjonali, bħal proġetti reġjonali fuq skala kbira jew proġetti li jinvolvu pajjiż terz, jista' jinħatar **koordinatur Ewropew**. Kwalunkwe ħatra ġdida għandha tikkunsidra l-esperjenza miksuba s'issa.

7) Il-kwistjoni tar-**riżorsi** hija importanti. Il-baġit tat-TEN-E baqa' bejn wieħed u ieħor stabbli, b'baġit ta' €155m għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013 (meta kkomparat ma' €148m għall-perjodu 2000-2006) għal xi 300 proġett eliġibbli. Dan jillimita l-impatt tal-programm. Huwa dibattibbli jekk is-suq jistax jagħmel l-investimenti neċessarji għas-servizz tal-interessi

¹⁹ L-infrastrutturi taż-żejt: Il-valutazzjoni tal-infrastrutturi taż-żejt eżistenti u dawk ippjanati fi ħdan u lejn l-UE, SEC(2008)2799

²⁰ Pjan Prijoritarju ta' Interkonnessjoni, COM(2006)846

pubbliċi mingħajr intervent pubbliku serju. Filwaqt li tfittex modi biex ittejjeb l-effikaċja tal-programm skont il-meżżi eżistenti, l-UE għandha minkejja kollox tikkonsidra modi biex iżżid il-baġit tat-TEN-E, jekk xejn biex tiffaċilita xi investimenti li qed iservu għanijiet mhux relatati mal-kummerċ, bħas-sigurtà tal-provvista.

Rigward proġetti esterni għall-UE, hemm bżonn li jinstabu modi biex jiġu sfruttati b'mod sħiħ l-istrumenti finanzjarji disponibbli b'koerenza sħiħa mal-istrumenti interni, inklużi partikolarment bl-inklużjoni tal-fondi TEN-E. Għall-ġejjieni, għandha ssir riflessjoni dwar kif l-istrument TEN-E eżistenti jista' jinbidel minn strument ġdid, **I-Istrument tal-UE għas-Sigurtà u għall-Infrastruttura** u dwar l-aħjar mod kif jiġi artikolat mal-istrumenti finanzjarji esterni tal-UE. Qed jiġu mistiedna reazzjonijiet dwar il-Green Paper fuq il-qasam tal-applikazzjoni ta' strument tali kif ukoll dwar l-aħjar mod kif dan jista' jikkontribwixxi biex jiżgura koerenza bejn l-infieq intern u estern.

3.3.2. *Alternattivi oħra għat-titjib tat-TEN-E*

Jeħtieġ li jiġi żvilupp **appoġġ mhux finanzjarju** bħala mezz biex jinkiseb iktar appoġġ minn sorsi oħrajn, pereżempju permezz tal-għoti ta' tikketta "UE" rikonossuta. Hemm bżonn li jsiru aktar sforzi biex it-TEN jixprunaw sorsi oħra ta' fondi, partikolarment minn istituzzjonijiet Internazzjonali ta' finanzjament.

Għandha ssir tfittxija għal **sinerġiji** ma' attivitajiet ta' netwerks tal-UE eż. fl-infrastrutturi tat-telekomunikazzjoni, tat-trasport u tal-ambjent (eż. linji tal-enerġiji kkombinati ma' infrastrutturi tat-trasport fuq l-art bħal-linji tal-ferroviji u bħat-toroq).

Mistoqsija oħra hi jekk l-UE għandiex toffri appoġġ għall-proġetti li jinvolvu spejjeż żejda biex tilħaq **għanijiet (mhux relatati mal-kummerċ) pubbliċi**, per eżempju riservi żejda ta' gass jew ta' kapaċità tal-enerġija li jistgħu jkunu ta' għajnuna għas-sigurtà tal-provvista tal-UE, il-konnessjonijiet biex titwassal aktar ġenerazzjoni ta' enerġija li tiġġedded għas-sistema ta' distribuzzjoni, jew li jitgħaddew cables minn taħt l-art għal raġunijiet ambjentali. Dan jaf iwassal għal stennija li l-ispejjeż żejda jiġu kkompensati mill-UE, li ma jkunx possibbli.

Is-sigurtà tal-provvista: meta l-interess pubbliku jista' jkollu bżonn ta' intervent pubbliku

Eżempju ċar ta' finanzjament pubbliku għal-linja ta' komunikazzjoni biex tiġi żgurata l-provvista, meta s-suq ma kienx jehtiegħa, huwa d-deċiżjoni Ċeka biex tibni l-linja ta' komunikazzjoni taż-żejt IKL (Ingolstadt-Kralupy-Litvínov) fis-snin disgħin biex tinfetaħ rotta tal-Punent maġenb ir-rotta tal-Lvant. Attwalment hija l-kumpanija tal-istat MERO, li qed topera din il-linja ta' komunikazzjoni bi dħul li jkopri l-interessi tas-self u r-rimborż. Mill-2008, din il-linja ta' distribuzzjoni kienet utli ħafna peress li l-entitajiet li jipprovdu ż-żejt mhux raffinat mir-Russja permezz tar-rotta tal-Lvant waqqfu għal għarrieda l-provvisti tagħhom lill-konsumaturi tagħhom Ċeki.

Alternattiva oħra hi li l-konċentrazzjoni tiċċaqlaq minn fuq proġetti speċifiċi għal fuq **studji ġenerali** mmirati għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' sfidi attwali li qed iħabbtu wiċċhom magħom l-iżviluppaturi tan-netwerk, eż. kif jiġu solvuti kwistjonijiet ta' netwerks assoċjati ma' konnessjonijiet fuq skala kbira ta' enerġija mir-riħ offshore jew ta' enerġija solari jew l-użu ta' sistemi ta' distribuzzjoni "smart".

3.3.3. *Il-koordinazzjoni bejn it-TEN-E u strumenti finanzjarji oħra tal-UE*

Investituri potenzjali fin-netwerks tal-enerġija għandu jkollhom aċċess għal alternattiva vasta ta' sorsi ta' finanzi differenti. Għalhekk, it-TEN-E għandu bżonn li jkun konformi u koordinat

ma' programmi ewlenin oħra tal-UE li għandhom impatt fuq l-iżvilupp tal-infrastruttura - partikolarment il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni u l-Programmi Kwadru RTD. Per eżempju, il-politika ta' Koeżjoni tinvesti €675 M fi *proġetti tat-TEN-E għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013*. Eżempju ieħor huwa s-7 Programm Kwadru RTD se jinvesti t-total ta' madwar €100m f'netwerks elettroniċi (2007-2009). Ir-riżultati tagħhom għandhom jiġu ppubbliċizzati b'mod qawwi u għandhom iwasslu għal aktar riċerka u dimostrarazzjoni u investment fis-suq.

Għandha tiġi eżaminata bir-reqqa ż-żieda fil-koordinazzjoni bejn l-istrumenti tal politika esterna, fosthom l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) u t-TEN-E b'mod speċjali għall-infrastrutturi f'pajjiżi ta' tranżitu.

Il-koordinazzjoni eżistenti bejn it-TEN-E u l-Bank Ewropew tal-Investment (EIB) jew il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD) għandha bżonn li tiżdied f'kull livell. Tista' tiġi kkonsiderata konnessjoni bejn l-appoġġ tat-TEN-E u l-intervent tal-EIB. Barra minn hekk, jista' jiġi previst fond taħt il-patroċinju tal-EIB, li jipprovdi ekwità, kważi-ekwità, garanziji u strumenti finanzjarji simili għall-proġetti individwali.

Sieħeb potenzjali ieħor huwa l-Bank Dinji li permezz ta' Self Programmatiku Aċċellerat jipprovdi fondi biex issir ir-riforma tal-programmi f'pajjiżi approvati.

4. KONKLUŻJONIJIET

Kif stabbilit mit-tieni Reviżjoni Strateġika dwar l-Energija²¹ u kif inhu spjegat fid-dettal hawnhekk, l-UE mhux se tkun tista' tikseb l-oġettivi tagħha dwar il-klima u l-enerġija mingħajr netwerks ġodda u mtejba. In-netwerks tal-enerġija għandhom ikollhom post aktar prominenti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tal-enerġija. Fl-istess ħin, l-ippjanar tan-netwerk tal-enerġija jeħtieġ li jiġi kkoordinat aħjar fil-livell politiku.

Is-suq intern tal-enerġija, li jibbenifika mit-tielet pakkett li attwalment qed jiġi diskuss, għandu jkun l-element prinċipali li jhajar l-investment fin-netwerks tal-enerġija, iżda l-UE irid ikollha wkoll rwol attiv biex tiffaċilita l-proċess ta' proġetti b'rilevanza ċara għas-sigurtà tal-enerġija Ewropea, inklużi l-proġetti internazzjonali.

It-TEN-E, l-istrument ewlieni tal-UE għall-iżvilupp tan-netwerk tal-enerġija Ewropea, ma kienx infassal biex jiffaccċa l-isfidi tal-enerġiji attwali u mhuwiex komformi b'mod xieraq mal-politika tal-enerġija għall-Ewropa. Hu nieqes ukoll mill-koerenza mas-suq intern u żviluppi oħrajn, eż. il-politika tar-riċerka u dik esterna. Il-baġit huwa inadegwat ferm.

L-UE teħtieġ tiżviluppa approċċ strateġiku ġdid, tinkorpora strumenti disponibbli, inkluż li tiġi varata riflessjoni dwar kif l-istrument TEN-E eżistenti jista' jinbidel minn strument ġdid, **l-Istrument tal-UE għas-Sigurtà u għall-Infrastruttura** bl-oġettivi possibbli li (i) jitlesta s-Suq Intern għall-Enerġija, (ii) jiżgura l-iżvilupp ta' sistemi ta' distribuzzjoni li jippermetti l-kisba tal-oġettivi tal-UE dwar l-enerġija li tiġġedded u (iii) jiġgarantixxi is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija permezz ta' assistenza għal-proġetti ewlenin ta' infrastruttura fi ħdan l-UE kif ukoll lil hinn minnha.

Bħala parti minn din l-istrateġija, il-Kummissjoni identifikat dawn il-proġetti li ġejjin, kif stabbilit fit-tieni Reviżjoni Strateġika dwar l-Enerġija *Pjan ta' azzjoni dwar is-sigurtà u s-solidarjetà tal-UE*

²¹ Ara n-nota ta' qiegħ Nru 13

- **Pjan ta' Interkonnessjoni Baltiku:** Il-konnessjoni tas-swieq tal-enerġija iżolati li fadal fl-Ewropa hija prijorità. Kif stabbilit b'mod ċar mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Ottubru 2008, l-interkonnessjoni tar-reġjun tal-Baħar Baltiku hija meħtieġa biex titjeb is-sigurtà tal-provvista għall-pajjiżi kollha li jinstabu fil-konfini tal-Baltiku u biex ikun hemm aktar sigurtà tal-provvista u ta' solidarjetà fl-UE. Flimkien mal-Istati Membri kkonċernati, il-Kummissjoni se tiżviluppa dan il-Pjan bħala parti minn Strateġija Reġjonali tal-Baħar Baltiku, li jkopri l-gass, l-elettriku (inkluża l-enerġija mir-riħ offshore u potenzjalment mill-qawwa tal-mewġ) u l-ħażna. Dan għandu jgħaqqad flimkien il-proġetti eżistenti f'sistema koeżiva li tkun ta' benefiċċju għar-reġjun kollu. L-iżvilupp effiċjenti tas-suq kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-effiċjenza enerġetika u s-sorsi li jiġġeddu għal żieda fis-sigurtà tal-provvista jeħtieġ li jiġu kkunsidrati waqt l-iżvilupp tal-Pjan.
- **Linja tal-Gass ġdida fin-Nofsinhar:** Bil-probabbiltà għolja li r-rwol tar-reġjun Kaspju u l-Lvant Nofsani rigward il-provvisti globali taż-żejt u l-gass se jikber fil-ġejjieni, u bil-ħtieġa li jiġu evitati r-riskji, li huma diġà għoljin, assoċjati mat-trasport marittimu taż-żejt u l-LNG, din tidher aktar neċessarja minn qatt qabel. Il-Kummissjoni se taħdem mal-pajjiżi kkonċernati biex tiżgura fi żmien mhux aktar tard minn sena oħra impenji sodi għall-kostruzzjoni tal-linja ta' distribuzzjoni Nabucco. Se jiġi eżaminat bir-reqqa mekkaniżmu ta' xiri ġenerali, bi qbil sħiħ mar-regoli tal-kompetizzjoni. It-transitu għandu jiġi miftiehem mat-Turkija b'mod li jirrispetta kemm il-prinċipji bażiċi tal-liġi tal-UE kif ukoll it-tħassib leġittimu tat-Turkija għas-sigurtà tagħha nnifisha rigward l-enerġija.
- **Gass Naturali Llikwifikat (LNG):** L-LNG huwa ta' benefiċċju għall-provvista billi jagħmel is-suq tal-gass wieħed aktar likwidu u globali meta mqabbel mas-suq taż-żejt. Kapaċità tal-LNG xierqa li tikkonsisti minn terminali tal-LNG u rigassifikazzjoni abbord il-bastimenti għandha tkun disponibbli lill-Istati Membri kollha, jew direttament jew permezz ta' Stati Membri oħra abbażi ta' ftehim ta' tqassim ta' sigurtà. Il-Komunità tal-Enerġija tista' tkun involuta wkoll, bl-alternattiva li n-netwerk jiġi estiż sal-Kosta Adriyatika. Għandha timbena kapaċità ta' **ħażna tal-gass** suffiċjenti.
- **Ċirkwit ta' distribuzzjoni tal-Enerġija Mediterranju:** Iż-żona Mediterranja u dik Afrikana jeħtieġu wkoll li jkunu konnessi aħjar mhux biss għall-fjuwil fossili iżda wkoll għal sorsi li jiġġeddu. Ċirkwit ta' distribuzzjoni tal-enerġija Mediterranju se jippermetti lill-Ewropa u lill-Afrika ta' Fuq biex jisfruttaw aħjar ir-riżorsi naturali disponibbli tagħhom. Din l-inizjattiva se tibni fuq il-proposta magħmula fi ħdan il-kuntest tal-Unjoni għall-Mediterran – il-proċess ta' Barcellona, ta' ċirkwit ta' distribuzzjoni Mediterranju li jipprovdi l-elettriku mill-enerġija solari (enerġija solari fotovoltajka u kkonċentrata) kif ukoll mir-riħ lill-UE. Il-proġetti ta' interkonnessjoni mal-Ewropa kontinentali jtejbju sinifikament ukoll is-sigurtà tal-enerġija għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej iżolati.
- **Interkonnessjonijiet bejn it-Tramuntana u Nofsinhar ta' gass u elettriku fi ħdan l-Ewropa Ċentrali u l-Ewropa tax-Xlokk** jeħtieġu li jiġu żviluppati bħala prijorità, u jiġu mibnija partikolarment fuq l-inizjattiva tas-Sistema ta' Trażmissjoni Ewropea l-Ġdida (NETS) biex jinħolqu operatur komuni għas-sistema ta' trażmissjoni tal-gass²², iċ-Ċirkwit ta' distribuzzjoni tal-Gass għall-Komunità tal-Enerġija, l-interkonnessjonijiet ta' prijorità identifikati mil-laqgħa ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija f'Diċembru 2007²³, u l-Linja

22

www.molgroup.hu/en/press_centre/press_releases/european_energy_infrastructure__ndash__n ets_project/

23

www.energy-community.org/

ta' Distribuzzjoni taż-Żejt Pan-Ewropea²⁴. Il-pakkett il-ġdid tas-Suq Intern tal-Enerġija jipprevedi l-istabbiliment ta' Pjan regolari ta' 10 snin għall-Żvilupp ta' Networks li jindika l-konnessjonijiet neqsin u l-azzjoni meħtieġa biex dawn jitlestew.

- Għandu jiġi żviluppat **Pjan għal sistema ta' distribuzzjoni 'l barra mill-kosta tal-Baħar tat-Tramuntana** biex jgħaqqad f'daqqa s-sistemi ta' distribuzzjoni elettrika nazzjonali fil-majjistral tal-Ewropa u magħhom jiddaħħlu l-għadd kbir ta' proġetti ppjanati għall-enerġija mir-riħ offshore. Dan għandu jkun, flimkien maċ-Ċirkwit ta' distribuzzjoni Mediterranju u l-proġett ta' Interkonnessjoni Baltiku, wieħed mill-komponenti fundamentali ta' supergrid Ewropea għall-ġejjieni.

Il-Kummissjoni tilqa' opinjonijiet dwar din il-Green Paper, li għalihom tista' tiġi segwita l-istruttura tal-*mistoqsijiet* li ġejjin:

Il-Politika dwar in-Networks

- (1) X'tikkonsidra li huma l-ostakli ewlenin għall-iżvilupp ta' sistema ta' distribuzzjoni u netwerk tal-gass Ewropej? Sa fejn jistgħu jiġu indirizzati f'livell nazzjonali/reġjonali, u meta għandha taġixxi l-UE?
- (2) X'ċirkustanzi jiġġustifikaw intervent tal-UE f'argumenti ta' ppjanar lokali relatati mal-infrastruttura tal-enerġija? F'dawn iċ-ċirkustanzi, x'għandha tagħmel l-UE?
- (3) Hemm bżonn ta' approċċ aktar iffokat u strutturat għal riċerka u dimostrazzjoni relatat man-networks Ewropej? X'għandhom ikunu l-karatteristiċi tiegħu?
- (4) X'taħseb li hi l-aktar attività importanti tal-UE għall-iżvilupp ta' netwerk?
- (5) Għandha l-UE tinvolvi ruħha aktar biex jiġu ffaċilitati proġetti ta' infrastruttura f'pajjiżi terzi? Jekk iva, b'liema mod?

TEN-E

- (6) X'tip ta' appoġġ għandha tipprovdi l-UE għal żviluppaturi ta' networks ġodda tal-enerġija biex ikollhom l-akbar impatt possibbli, meta wieħed jikkonsidra li r-riżorsi huma limitati? L-approċċ tat-TEN-E xorta huwa rilevanti? Kif tista' l-UE ttejjeb il-kondizzjonijiet għall-investment?
- (7) Fid-dawl tar-reviżjoni proposta tal-linjigwidi tat-TEN-E, kif tista' l-UE ttejjeb l-attenzjoni, l-effikaċja u l-impatt tal-politika tat-TEN-E fil-kuntest tal-baġit eżistenti
- (8) Għandu t-TEN-E jiġi estiż għall-infrastruttura taż-żejt? Għandu jiġi estiż ukoll għal networks ġodda tas-CO, biogass jew networks oħra?
- (9) Għandek opinjonijiet dwar, jew suġġerimenti għal proġetti ġodda ta' prijorità li l-UE għandha tappoġġja?
- (10) Ikun ta' għajjnuna għat-TEN-E/EU biex jiksbu aktar impatt u viżibilità jekk jiġu mibdula fi strument operattiv ta' sigurtà tal-provvista u solidarjetà?
- (11) X'miżuri addizzjonali tal-UE minbarra dawk imsemmija diġà f'din il-Green Paper jistgħu jkunu ta' għajjnuna biex jiżguraw infrastruttura sostenibbli għall-UE?

²⁴ www.ens-newswire.com/ens/apr2007/2007-04-03-03.asp

Għal aktar informazzjoni ara: http://ec.europa.eu/energy/index_en.html Inti mistieden tibgħat ir-risposta tiegħek lill-Kummissjoni Ewropea (l-isem u l-indirizz) sal-31 ta' Marzu 2009 indirizzat lill-

Christine Jenkins

European Commission

DG Energy and Transport

DM 24 – 6/127

1049 Brussels

Belgium